Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Numru: 37/2015

Il-Pulizija

vs

**Adrian Valletta**

Illum, 12 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Adrian Valletta iben Joseph, imwieled Pieta', fit-3 ta' Awwissu, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 396075 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli matul il-perjodu ta' qabel it-12 ta' Frar 2008 f' dawn il-Gzejjer:

1. ikkommetta serq ta' oggetti u cioé affarijiet relatati mal-kmamar tal-banju liema serq, li sar ghad-detriment tal-kumpanija Josies Bathrooms u/jew persuni ohra, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €2,329.37 imma mhux aktar minn €4,916.36 u bil-persuna;

2. fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioé oggetti relatati mal-kmamar tal-banju liema oggetti gew minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn €2329.37 imma mhux aktar minn €4,916.36;

3. fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata lilu jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat minnha u cioé dan kollu sehh meta kien fdat bil-haga minhabba n-natura tax-xoghol tieghu bhala haddiem tal-istess kumpanija Josies Bathrooms.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti wara filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b' hekk illiberatu minnha, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tad-29 ta' Ottubru 2012 b' mod partikolari Artikoli 261 (c), 261 (d), 267 u 268 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Adrian Valletta hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu [bil-kwalifiki tal-valur u tal-persuna] u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdet lill-imputat Adrian Valletta taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7 (7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Adrian Valletta bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f' kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f' kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7 (8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b' Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex

jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Adrian Valletta.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat Adrian Valletta sabiex sa zmien tlett (3) xhur millum ihallas is-somma komplessiva ta' tmien mija u sebgha u ghoxrin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€827.48) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti/periti f' dan il-kaz.[1]

Rat ir-rikors tal-appellanti Adrian Vella minnu pprezentat fil-5 ta' Frar, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-astensjoni għar-rigward it-tieni imputazzjoni, u illiberatu mit-tielet imputazzjoni u tirrevokaha in kwantu s-sejbien ta' ħtija taħt l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha u minn kull ħtija skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

1. **<u>L-Ewwel Aggravju – iz-żmien tad-delitt</u>**

Mingħajr preġudizzju għall-aggravju sussegwenti, irid jiġi ssenjalat kif iż-żmien meta seħħ id-delitt ma huwiex magħruf. Id-data indikata ossia dik tat-12 ta' Frar 2008, hija d-data tas-sejba tal-oġġetti fil-fond tal-Kalkara proprjetà ta' Antonia Attard Gialanze. Moqrija l-varji depożizzjonijiet sia ta' John Aquilina fil-vesti tiegħu ta' sid ta' Josies Bathroom, kif ukoll l-impjegati tiegħu, **<u>meta naqsulhom l-oġġetti mertu ta' din il-kawża ma huwiex magħruf.</u>**

Fid-dawl tal-ġurisprudenza, id-data ta' meta jkun sar id-delitt hija kruċjali u bażilari sabiex ikun hemm sejbien ta' ħtija. Fil-każ odjern din tieħu xejra importanti wkoll in sostenn tal-aggravju li ser isegwi.

[1] Rapport immarkat bhala Dok. "VC 1" (*a fol.* 104 *et seq.*): €189.98 (*a fol.* 107 *tergo*);

Rapport immarkat bhala Dok. "MX 1" (*a fol.* 156 *et seq.*): €637.50 (*a fol.* 163).

Fir-riferenza kostituzzjonali deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili [sede Kostituzzjonali] per Imħallef Dr. J. R. Micallef, deċiża nhar is-26 ta' Marzu 2009, jintqal hekk:

> "Lanqas ma jidher li huwa l-każ li l-ħin jikkostitwixxi xi element aggravanti ta' dawk ir-reati, **<u>iżda huwa biss ċirkostanza oħra li trid tirriżulta kif imiss biex torbot lill-persuna akkużata mal-fatt tal-ġrajja nnifisha</u>** [enfasi u sottolinear tal-esponenti];
>
> Illi l-Avukat Ġenerali jisħaq li d-differenza fil-ħin bejn dak imsemmi fl-ewwel akkuża (li minnha r-rikorrenti nħeles) u dak imsemmi fit-tieni akkuża (li dwarha tressqet din ir-Riferenza) jagħmel non-"idem" għaliex **<u>jgħid li l-ħin tant kien element kruċjali, li minħabba n-nuqqas ta' indikażżjoni tajba tiegħu r-rikorrent inħeles mill-akkużi miġjuba kontrih</u>** [enfasi u sottolinear tal-esponenti]"[2].

Fil-każ odjern, in vista tal-fatt li sia John Aquilina, jikkonferma kif l-esponenti fit-12 ta' Frar 2008 ma kienx impjegat miegħu, kif ukoll u fid-dawl tad-dokument esebit minn Joseph Saliba fil-vesti tiegħu ta' rappreżentant tal-ETC, jikkonferma kif l-esponenti kien temm l-impjieg tiegħu ma' Josies Bathrooms nhar il-31 ta' Awwissu 2007.

Dan jfisser li fil-każ odjern, proprju sabiex il-Prosekuzzjoni tgħatti n-nuqqas tagħha ossia li ma rnexxilhiex tistabbilixxi meta seħħ id-dannu lil Josies Bathrooms, għażlet li tixli lill-esponenti li l-aġir tiegħu seħħ "matul il-perjodu ta' qabel it-12 ta' Frar 2008 f' dawn il-Gżejjer".

---

[2] Folio 10 tas-sentenza ċitata

Bir-rispett fil-kamp penali, fejn min jakkuża jrid neċessarjament jakkuża b' mod dettaljat u billi jagħti l-fatti specie kollha tal-każ, il-fattur waħdu li d-delitti li bihom ġie mixli l-esponenti, ma ġiex stabbilit meta effettivament sar id-dannu lil Josies Bathrooms, dan il-każ, lanqas biss kellu jinbeda, *multo magis* li jkun hemm sejbien ta' ħtija.

Il-ġurisprudenza tgħallem kif u kemm huwa bażilari u kruċjali l-element taż-żmien tad-delitt[3].

Li ż-żmien ta' meta jkun sar id-delitt huwa kruċjali għal proċedimenti penali, jemerġi mhux biss mill-pożizzjoni u mid-dikjarazzjoni tal-Avukat Ġenerali fis-sentenza ta' Magrin supra ċitata biss, iżda wkoll b' analoġija fid-dawl tal-artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali.

Prinċipju ieħor fundamentali sabiex ikun hemm smigħ xieraq huwa dak li l-ebda proċedura ma tista' titmexxa kontra l-ebda persuna, jekk il-każ ikun preskritt skont id-dettami tal-artikolu supra indikat. Proprju sabiex dan id-dritt jiskatta, effettivament irid ikun stabbilit meta seħħ id-dolo, fil-każ odjern is-serq lil Josies Bathrooms.

Mingħajr ma jkun magħruf meta seħħ id-dolo, ma jista'x ikun hemm sejbien ta' ħtija proprju minħabba l-fatt li, bħalma ġara fil-każ odjern, tibqa' mhux imwieġba d-domanda ta' meta effettivament seħħ tali dolo.

Tenut kont ukoll li dawn il-proċeduri nbdew fis-sena 2012, fejn ċertament l-esponenti temm l-impjieg tiegħu fis-sena 2007, <u>*dato ma non concesso*</u> li kien l-esponenti b' xi mod involut, fid-dawl ukoll tal-aggravji li ser isegwu, jekk dan il-każ allura semmai seħħ fis-sena 2007, dan il-każ huwa preskritt bħalma sejjer jiġi muri fl-aggravji sussegwenti!

## 2. <u>It-Tieni Aggravju – żieda fil-piena minħabba l-kwalifika tal-valur</u>

[3] Vide in tal sens: Il-Pulizija v. Rita Zammit, QAK JGD 14/04/05 u il-Pulizija v. Ramon Mifsud Grech et QM DC 23/04/12

Fil-każ odjern sabiex jiġi ddeterminat il-valur tal-oġġetti mertu tal-każ, l-Ewwel Qorti ħatret lis-Sur Vincent Ciliberti sabiex jagħti tali valutazzjoni. Effettivament tali inkarigu tlesta u ġie ppreparat dok VC1.

**2.a** ***L-ewwel difett***

Analizi tal-istess rapport turi kif, il-valur mogħti mis-Sur Ciliberti, ma huwiex valur konformi mad-dettami legali. F' dan ir-rapport l-espert jisħaq kif il-valur minnu stabbilit, effettivament jinkludi wkoll 15% profitt u li huma kkalkolati fuq il-prezzijiet li bihom jinbiegħu l-oġġetti.

Bir-rispett tali konklużjoni ma hijiex legalment valida fid-dawl tal-artikolu 335 tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser li l-ammont ta' €2,344 irid l-ewwel u qabel kollox jitnaqqas bi 15%. Dan ifisser li l-ammont tad-dannu ma huwiex ta' €2,344 izda ta' €1,992.40.

Dan il-punt huwa kruċjali stante li jagħmel differenza kbira fil-piena ossia jekk l-imputat huwiex mixli a tenur tal-artikolu 279(a) jew 279(b). Tali differenza fil-piena effettivament taffettwa l-perjodu tal-preskrizzjoni.

**2.b** ***It-tieni difett***

Madanakollu xorta waħda, ir-rapport dokVC1 ma jista'x jitqies bħala legalment validu għal raġuni oħra wkoll. A bażi ta' dak li jgħallem il-Carrara, il-valur tad-dolo subit, f' dan il-każ minn Josies Bathrooms, irid jitqies fiż-żmien tad-delitt u mhux fi żmien ieħor.

Tenut kont li pajjiżna dejjem mexa fuq id-definizzjoni tas-serq hekk kif postulata mill-Carrara, wieħed ma jista'x jara l-aggravji kif imfissra fl-artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali, jekk mhux fid-dawl ta' kif ifisser l-istess aggravji l-istess Carrara. Dawn il-ġurist, fil-punt tal-aggravju dwar il-vaur, jisħaq is-segwenti:

> "È parimenti regola che in ordine al tempo il valore del tolto si giudichi tale quale era al giorno del furto; senza avere riguardo al più o meno che la cosa potesse costare, o precedentement o posteriormente."[4]

Għaldaqstant tenut kont li sia s-Sur Ciliberti ma jgħid xejn dwar liema huwa ż-żmien li fih qabbel il-prezzijiet li dawn l-oġġetti jinbiegħu fis-suq, ossia jekk mexiex mal-prezzijiet fis-sena 2012[5] u jew fis-snin 2008[6] u/jew 2007[7], kif ukoll tenut kont tal-fatt li ż-żmien tad-delitt ma huwiex magħruf, l-esponenti ma seta' qatt jinstab ħati tal-aggravju tal-valur a tenur tal-artikolu 279 u għaldaqstant ai fini ta' piena, f' każ ta' sejbien ta' ħtija l-piena kellha tkun imsejsa a bażi tal-artikolu 281(a) tal-Kodiċi Kriminali.

## 3. <u>It-Tielet aggravju – il-preskrizzjoni</u>

Dan l-aggravju huwa marbut b' mod intrinsiku mal-aggravju preċedenti u jista'' biss jitqies validu fl-eventwalità li dina l-Onorabbli Qorti tabbraċċja l-aggravju preċedenti.

### 3.a *L-ewwel opzjoni ta' preskrizzjoni*

Tenut kont li jiġi mwarrab l-aggravju tal-valur, fil-każ odjern is-serq li bih huwa imputat l-esponenti jibqa' biss aggravat bil-persuna, għaldaqstant il-piena hija dik kontemplata fl-artikolu 281 tal-Kodiċi Kriminali.

Tenut kont li l-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2012 a folio 99 tal-atti ma ċċitax l-artikolu 281 tal-Kodiċi Kriminali, effettivament, l-esponenti jista'' biss jinstab ħati a tenur tal-artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali, fejn il-perjodu ta' preskrizzjoni huwa dawk ta' sentejn bl-applikazzjoni tal-

---

[4] Programma, Parte Speciale, Vol. IV, Esposizione dei Delitti in Specie, §2050, pagina 76, Prof. F. Carrara, Lucca, 1867
[5] Is-sena li fiha ngħata l-inkarigu u s-sena li fiha espleta l-inkarigu lilu mogħti
[6] Is-sena li fiha nstabu l-oġġetti
[7] L-aħħar sena li l-appellant ħadem ma' Josies Bathrooms

artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali[8]. Għaldaqstant il-każ odjern huwa preskritt.

### 3.b *It-tieni opzjoni ta' preskrizzjoni*

Fl-eventwalità però li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' l-aggravju preċedenti ossia li l-valur fil-każ odjern huwa a tenur tal-artikolu 279(a) u mhux a tenur tal-artikolu 279(b), *dato ma non concesso* li l-esponenti kien impjegat u allura jiskatta l-artikolu 280(1), ilkoll tal-Kodiċi Kriminali, il-piena massima hija dik ta' tliet snin priġunerija u għaldaqstant il-każ odjern bl-applikazzjoni tal-artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali, u fid-dawl tal-fatt li l-esponenti ikun għamel dak is-serq meta kien għadu impjegat allura fis-sena 2007 jew qabel, il-każ jiġi preskritt wara ħames snin. Dan il-każ inbeda fis-sena 2012. Għalaqstant anke taħt din il-vina legali, l-esponenti ma jista'x jinstab ħati u għandu jiġi liberat.

## 4. <u>Ir-raba' aggravju – l-istqarrija tal-appellant</u>

Mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, l-esponenti bir-rispett ma jaqbilx mal-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Onorabbli Qorti, in kwantu qieset li l-istqarrija rilaxxata mill-esponenti hija waħda legalment valida u li tista' talvolta titqies bħala prova legalment ammissibbli kontra tiegħu.

Filwaqt li min jiġġudika għandu kull dritt li ma jaċċettax kontra l-persważjoni tiegħu l-konklużjoni raġġunti mill-espert maħtur mill-Qorti, però dana ma jfissirx li l-konklużjoni milħuqa mill-espert tal-Qorti għandha tiġi mwarrba b' mod faċli.

[8] Fuq l-importanza tal-artikoli vide Il-Pulizija v. Frank Zarb et, 28/07/95 QAK VDG; il-Pulizija v. Mary Grech 07/07/95 QAK VDG; il-Pulizija v. Karmenu Attard 28/04/95 QAK VDG, fost l-oħrajn

L-Ewwel Qorti saħqet li fid-dawl tal-fatt li t-tweġibiet tal-appellant kienu konċiżi ferm dwar minn fejn kienu ġew l-affarijiet in kwistjoni u r-raġunijiet għala huwa ħa dawn l-affarijiet, il-Qorti tal-Maġistrati saħqet li din l-istqarrija hija waħda valida u li tagħmel stat ta' prova kontra l-appellant.

Bir-rispett, l-esponenti ma jaqbilx. Jidher li sfuġġa lill-Ewwel Qorti li dak li saħaq Dr. Mark Xuereb huwa l-fatt li tenut kont tac-ċirkostanzi familjari tal-esponenti, tenut kont tal-kondizzjoni medika tiegħu, l-esponenti ma huwiex bniedem sod u proprju sabiex mingħalih jevita l-inkwiet, lil dak li jkun qiegħed jista'qsih u jippressah in generali però b' mod aktar aċċennat f' ambitu ta' Pulizija, l-appellant odjern jaqbad jagħti dawk it-tweġibiet li jiġuh f' moħħu dak il-ħin bl-intiża li dawk it-tweġibiet jogħġbu lill-interlokutur tiegħu sabiex b' hekk itaffi l-inkwiet. L-appellant jaġixxi hekk b' riżultat tal-fatt li dak il-ħin ma jkunx qiegħed jgħarraf il-konsegwenzi ta' għemilu, ossia ta' dak li huwa jkun qiegħed jgħid.

Li jidher li donnu seħħ da parti tal-Ewwel Qorti f' dan ir-rigward, huwa proprju li l-istess Qorti ma tatx il-piż dovut għall-fatt li l-ispettur li investiga dan il-każ effettivament saħaq nhar is-26 ta' Marzu 2012, folio 51 li l-appellant fil-bidu ċaħad l-involviment tiegħu f' dan is-serq. L-istess investigatur jisħaq:

> "Biss meta dan [b' riferenza għall-appellant] ġie kkonfrontat b' iktar speċi affarijiet li speċi ta' Josies Bathrooms kienu qed jgħidu hekk u speċi kif ġew hemmhekk dawn l-affarijiet .... kien għażel li jikkoopera magħna l-Pulizija..."

Di più jidher li donnu l-Ewwel Qorti ma għarfitx li l-esponenti biddel il-verżjoni tiegħu lill-istess spettur in kwantu ta' kif ġew għandu l-oġġetti. U dan a kuntrarju għad-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li t-tweġibiet tal-appellant kienu konċiżi ferm dwar l-oriġini. Filwaqt li fl-istqarrija hemm imniżżel li l-esponenti qal li l-oġġetti kienu *seconds*, jew qodma jew imkissrin, lill-Ispettur Borg bil-fomm [ossia qabel ma nkitbet l-istqarrija] qallu li dawn

kienu jittieħdu minnu b' riżultat ta' *oversupply* dolus għad insaputa tal-klijent bħal fil-każ ta' blokk ta' Flats.

Din id-depożizzjoni turi kif dak li rriskontra u kkonkluda l-espert tal-Qorti, huwa proprju dak li ġara fil-każ odjern, fejn l-esponenti wieġeb u ta' verżjoni lill-ispettur li kien qiegħed jinterrogah proprju sabiex jintgħoġob mill-istess spettur. Tqum waħidha l-mistoqsija, hija għaldaqstant valida din l-istqarrija?

Analizi tal-ġurisprudenza in materja ta' persuni vulnerabbli, bħalma huwa l-esponenti, turi kif il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, ma hijiex waħda *safe and satisfactory for confirmation upon appeal*. U bażi tal-insenjament tal-ġurisprudenza[9], effettivament, u anke a bażi tal-konklużjonijiet raġġunti mill-espert tal-Qorti, l-istqarrija ma għandhiex tiġi meqjusa bħala prova valida kontra l-appellant u għandha tiġi sfilzata.

Fl-eventwalità li dina l-Onorabbli Qorti takkolji dan l-aggravju, il-provi ċirkostanzjali li jifdal ma humiex univoċi u li jwasslu għal livell ta' prova aċċettabbli li a bażi tagħhom l-esponenti jista'' jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni.

## 5. <u>Il-ħames aggravju – l-apprezzament tal-provi</u>

Mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, l-esponenti jisħaq li l-għarbiel tal-provi, fil-każ odjern ma huwiex wieħed li għandu jiġi kkonfermat minn dina l-Onorabbli Qorti. Naturalment dan l-aggravju qiegħed jinġab ' il quddiem intimament konness mal-aggravji preċedenti, fis-sens illi jekk dina l-Qorti tiskarta u/jew tisfilza l-istqarrija tal-esponenti, hemmhekk ikun lok li wieħed japprezza dan l-aggravju. Naturalment jekk dina l-Qorti tiċħad l-aggravju preċedenti, għaldaqstant dan l-aggravju jiġi respint awtomatikament. Huwa f' dan l-isfond li qiegħed jitressaq ' il quddiem dan l-aggravju, daqslikieku l-istqarrija tal-esponenti ġiet sfilzata.

[9] Vide in tal sens: Il-Pulizija v. Emmanuel Mifsud, 20/10/56 QAK Harding; Il-Pulizija v. Anthony Azzopardi, 14.05.87 QAK Agius; Il-Pulizija v. Josef Agius et, 09.03.11 QAK Scicluna

Il-każ odjern iqajjem aktar mistoqsijiet, milli jagħti tweġibiet. Is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati filwaqt li sabet lill-esponenti ħati, però ma twiġibx id-domandi li dan il-każ iqajjem.

*In primis iqumu s-segwenti mistoqsijiet:*

I. Dan il-każ meta seħħ?
II. Meta nsteraq Josies Bathrooms?

*In rigward il-veraċità ta' dak li ddeponew l-istaff ta' Josies Bathrooms iqumu s-segwenti:*

I. Jekk John Aquilina sid u direttur ta' Josies Bathrooms jisħaq li l-oġġetti ma kienu nbiegħu lil ħadd u jekk l-*istore keeper* tiegħu jagħmel *stock take* regolari, dan in-nuqqas li jsemmu l-istaff ta' Josies Bathrooms, seħħ meta?
II. Jekk l-istaff tal-istore indunaw li kellhom affarijiet nieqsa mill-istore, allura lill-imgħallem ma jgħidulux?
III. Jekk qalulu għalfejn John Aquilina is-sid, għamel ir-rapport biss meta nstabu u mhux qabel?
IV. Jaqaw John Aquilina ma jienx jaf li kellu stock nieqes a kuntrarju ta' dak li qalu l-istaff tiegħu?
V. Imgħallem tal-affari tiegħu x' jagħmel meta jsir jaf li għandu affarijiet nieqsa mill-istore, mhux imur jagħmel rapport lill-Pulizija mal-ewwel? U John Aquilina r-rapport meta għamlu f' dan il-każ, mhux meta intebaħ li kienu nieqsa dawn l-oġġetti? U meta ntebaħ John Aquilina, jekk mhux meta nstabu?
VI. Mela għalfejn l-istaff ta' John Aquilina, qegħdin jippruvaw joħorġu jfuħu minn dan kollu? X' għandhom x' jaħbu?

*In rigward ta' Antonia Attard Gialanze jqumu s-segwenti:*

I. Għalfejn l-insistenza kollha tagħha, permezz ta' żewg ittri lill-Pulizija u *meetings* kontinwi mal-ispettur, biex żgur l-esponenti jitressaq?
II. Ma jidhirx biċ-ċar li dina ma taħmilx lill-appellant?

III. Ma jidhirx li kellha mottiv tajjeb biżżejjed sabiex tħammeġ lill-esponenti proprju sabiex iġġeldu minn ma' bintha?

IV. Jekk Antonia saħqet li fiż-żmien ta' dan kollu Adrian ma' kienx qiegħed jaħdem u li lil bintha kienet tgħidilha biex tibagħtu jaħdem, mela kif qatt seta' jkun Adrian li seraqhom dawn l-affarijiet?

V. Persuna daqstant pixxikalda daqs Antonia, iddum ma tmur iżżur proprjetà tagħha għal ħames xhur u nofs[10]?

VI. Jekk mill-flap tal-*letterbox* Antonia setgħet tara dawn l-oġġetti, kif kienet taf mal-ewwel li l-oġġetti huma ta' Josies Bathrooms?

VII. Jekk bħalma jixhdu r-ritratti esebiti, mill-*flap* tal-*letterbox* tal-bieb ta' barra ta' dan il-fond ma seta' jidher xejn, a kuntrarju ta' dak li sostniet Antonia[11], kif kienet taf li ġewwa l-fond kien hemm affarijiet ta' Josies Bathrooms?

VIII. Jaqaw kienet hi l-mandanti ta' din l-affari, b' kompliċita ma' impjegati ta' Josies Bathrooms?

"*By way of conclusion*" *iqumu s-segwenti:*

I. Fid-dawl ta' dak kollu su espost, leġittimament u raġonevolment, l-appellant huwa ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu?

II. Leġittimament u raġonevolment, il-prosekuzzjoni fil-każ odjern laħqet il-livell tal-prova minnha mistenni?

III. Leġittimament u raġonevolment, dan il-każ ma jnissilx dubju raġonevoli f' moħħ il-ġudikant?

IV. Huma univoċi l-provi ċirkostanzjali f' dan il-kaz?

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

---

[10] Ossia l-perjodu bejn meta temm l-impjieg tiegħu l-appellant minn ma' Josies Bathrooms 31.08.07 sat-12 ta' Frar 2008 il-jum tas-sejba

[11] L-ewwel ritratt juri li l-*flap* tal-*letterbox* tinsab fuq il-bieba li ma tinfetaħx, żewġ ritratti oħra, meħuda minn ġewwa l-fond għal barra juru kif wara l-*flap* tal-*letterbox* kien hemm armarju kbir u li qabel l-oġġetti misruqa f' għoli daqs l-oġġetti misruqa kien hemm kaxex tal-birra li kienu jaħbu dawn l-oġġetti!

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

**Surgent maggur Carmel Bonello** xehed nhar l-20 ta' Frar, 2012 u spjega illi nhar it-12 ta' Frar 2008 ghall-habta ta' 2.00p.m Antonia Attard Gialanze kienet ghamlet rapport fuq l-appellant li gharaf prezenti fl-Awla u spjega li kienet irraportat li meta hija marret biex tidhol fil-proprjeta' taghha 16, Triq San Rokku, Kalkara ma irnexxilhiex tidhol minhabba problemi fis-serratura. Qalet li meta ittawlet mit-toqba ta' l-ittri induant li kien hemm xi oggetti tal-kmamar tal-banju fl-entrata ta' l-istess post u dawn l-oggeti ma kienux taghha. Kompliet tghid li ssuspettat li dawn l-oggetti kien gabhom hemm l-gharus tat-tifla taghha certu Adrian Valletta li kien jahdem mal-kumpanija Josie's Bathroom. Dawn l-oggetti huma murija fir-ritratt esebit fl-atti u markati bhala dok FS2 sa FS12, Jghid li huwa kien l-ufficcjal li rrediga l-okkorenza li giet esebita u markata bhala dok CB1.

Il-pulizija marret fuq il-post indikat lilha u sabet li kien hemm John Aquilina sid s-socjeta' Josie's bathroom flimkien ma lavrant tieghu Vincent Bonello. Il-post gie miftuh minn Vince Bonello u fl-entrata instabu numru ta' oggeti bhala madum tac-ceramika, toilet, sink, shower tray, zewg cubicles, mixer u ammont ta' angle valves u s-Sur Aquilian gharaf dawn il-prodotti u stqarr li uhud minnhom huma prodotti li jigu importati mill-kumpanija tieghu biss.

Ix-xhud rega' xehed nhar is-7 ta' Mejju 2012 u kkonferma li wara li ffotografaw l-oggetti li instabu fil-fond tas sinjura huwa hadhom fl-ghassa tal-pulizija ta' Bormla. Mistqosi jekk hux minnu li s-sinjrua Attard Gialanze qaltlu li kient ittawlet mill-flap tal-letter box jghid li ma jiftakarx, qal li pero' il-bieb ta' barra kellu jigi sgassat u kien l-lavrant tal-Josies bathroom li sgassah.

**John Aquilina,** Managing Director ta' Josie's bathrooms xehed nhar l-20 ta' Frar, 2012 u qal li jiftakar li kienet cemplitlu omm l-gharusa tal-appellant u qaltlu li kellha xi affarijiet fil-proprjeta' taghha li mhumiex taghha u li setghu kienu tieghu. Huwa mar fuq il-post li kien vicin Smart City flimkien ma l-istore keeper Patrick Spiteri u

Vince Bonello. Qal li l-affarijiet li sabu hemm kienu tieghu u l-appellant ma kellux ricevuta taghhom. Ikkonferma li dawn ma ittihdux bil-kunsens teighu u ma jafx kif hargu mill-post tax-xoghol.

Ikkonferma li l-appellant kien impjegat mieghu pero' ma jafx ghal liema perijodu pero' stqarr li meta ircieva it-telefonata gja ma kienx ghadu jahdem mieghu. Kien ilu li telaq minn mieghu ftit ta' zmien qabel, kwistjoni ta' xhur.

Jghid li meta mar f'dan il-fond sab lill-omm l-gharusa tal-appellant u ra l-affarijiet li kienu teighu. Dawn l-oggetti huma deskritti fid-dokuent FS 13 esebit fl-atti. Qal li meta irritorna lura lejn l-istore sab li l-oggetti indikati fil-lista mhux suppost hargu mill-istore u fil-fatt kienu hargu bla invoice. Huwa imbaghad mar jghamel rapport l-ghassa tal-pulizija tal-Birgu u tahom il-lista li hija datata 13 ta' Frar, 2008. Mistoqsi meta mar ghand il-pulizija jghhid li ma jiftakarx pero' ftit wara li kien irrediga id-dokument FS 13.

Ix-xhud rega' xehed nhar is-26 ta' Marzu, 2012 ( fol. 57) ikkonfemra li l-appellant kien jahdem bhala delivery man mieghu. Ikkonferma li l-listi li gew esebiti a fol. 14 sa fol 28 huma l-affarijeit li intabu fil-fond u li huma proprjeta' tieghu. Stqarr li dawn qatt ma kellhom ikunu hemm ghaliex qatt ma hargilhom invoice. Qal li l-awtorizazzjoni biex johorgu affarijiet mill-istore tinghata minnu jew mill-istore keeper.
In kontro esami nhar l-4 ta' Novembru 2013 ikkonferma li meta l-appellant kien jahdem mieghu kien jahdem bhala 'delivery person' pero' mieghu kien hemm delivery persons ohra. Huwa l-istore keeper li ighid lid-'delivery persons' fejn ghandhom imorru u x'ghandhom jghamlu bhala delivery. Naturalment imbaghad id-delivery person jiehu l-affarijiet li jinghataw lilu biex jghamel id-delivery taghhom. Naturalment, meta ssir id-delivery il-klijent jiffirma l-invoice bhala konferma tad-delivery li tkun saret. Mistoqsi jekk jista' ikun hemm short delivery ighid li jista' jkun hemm pero' ikollhom notament taghha. Qal li dwar l-affarjiet li nstabu mhux suppost kienu ghand klijent izda suppost kienu ghadhom fl-istore. Ghalhekk jghid li ittiehdu mill-istore. L-istock taking kien jghamlu l-istore keeper u ghalhekk mhux responsabilita' tal-appellant izda ta' l-istore keeper. L-istorekeeper

biss ghandu cwievet ta' l-istore. Pero' jekk l-istore keeper jiccaqlaq ma hemmx sistema fejn jigi registrat min jidhol u johrog mill-istore. Qal li l-istock taking isir kull meta jitolbuh l-acountants jew jitolbu hu. Jista' jkun fix-xahar, kull xaghrejn meta ihoss il-hteiga zgur regolari. Fiz-zmien mata kien jahdem hemm l-appellant kien hemm xi tlett 'delivery men' ohra jahdmu mieghu u huwa minnu li l-appellant temm l-impieg tieghu hafna qabel ma gie infurmat bis-sejba tal-merkanzija gewwa il-Kalkara. Huwa minnu ukoll li l-appellant ma kellux access ghall-istores.

**L-ex Spettur Jesmond Borg** xehed fis-26 ta' Marzu, 2012 u kkonferma li nhar it-12 ta' Frar 2008 Antonia Attard Gialanze kient irraportat li ghandha villa fil-limiti ta' Kalkara u meta ipprovvat tidhol go fiha ma setghetx u sabet is-serratura taghha mibdula. Hija ghlahekk gabet persuna biex jifthilha il-post u irnexxilha tidhol gewwa u sabet li kien hemm ammont ta' affarijiet materjal u kmamar tal-banju fl-istess fond fejn. Qalet li l-oggetti li kien hemm kellhom x'jaqsmu ma bathrooms. Il-pulizija marret fuq il-post u ivverifikat dak li kient irraportat is-sinjura Attard Gialanze fis-sens li gewwa darha kien hemm dawn l-oggetti. Huwa staqsa lil din is-sinjura kif l-affarijiet setghu spiccaw hemmhekk u qalet li kellha suspett fl-gharus li kellha bintha u cioe' l-appellant. Huwa ghalhekk talab lil PS 465 Daniel Abela biex jiffotografa dawn l-oggetti.

Spjega li ir ritratt DA 9 u DA 10 jindikaw il-fond in kwistjoni u fir-ritratti l-ohra jidhru l-affarijiet li kien hemm fil-fond. Qal li is-sinjura allegat li l-appellant setgha ha dawn l-affarijeit minghand il-kumpanija ta' Joseie's bathroom ghaliex hu kien jahdem hemm u ghalhekk ghamlu kuntatt mad-Direttur taghha li kien baghat xi mpjegat tieghu li gharaf l-oggetti u dawn gew deskritti bil-valur minnu u l-istima tinsab esebita fl-atti a fol. 14 sa 28 ta' l-atti. Huwa baghat ghall-appellant u dan irrilaxja stqarrija wara li ingahta is-solita twissija. Mistoqsi jghid ezatt x'kienet qaltlu in sinjura Attard Gialanze jghid 9 fol. 52) gjhdi li kienet allegat *li'kien gab materjal misruq gewwa l-villa taghha fil-limiti ta' Kalkara.'*

**Patrick Spiteri**, store keeper ma Josies xehed nhar il-21 ta' Mejju 2012 u kkonferma li dakinhar ta' dan l-allegat incident huwa kien gja jahdem ma Josie's bathroom. Fl-awla gharaf lill-appellant ghaliex kien jahdem mieghu fuq ix-xoghol. Jiftakar li kien

dahal xi rapport fejn kien gie allegat li kien hemm xi stock items ta' Josie's bathrrom li kienu instabu ghandu. Huwa ma kienx mar fuq l-post pero' jista' jikkonferma li kien sab xi affarijiet neqsin mill-istore. Huwa kkonferma li id-dokuemnt li jisnab a fol 15 ta' l-atti hija quotation ta' l-istock waqt li dik a fol 16 hija deskrizzjoni tal-affarijiet li instabu fil-post u l-ohrajn huma fatturi tal-oggetti ta meta inxtraw

Xoghlu hu li jircievi l-invoice mill-Head Office, jipprepara l-ordni u jibghat ghand in-nies bid-deivery man Mistoqsi jekk kienx hu li hareg dawn l-affarijeit jghid li mhux kollha. Muri ir-ritratti markati bhala dok DA 1 sa DA 10 jghid li dawk huma l-affarijeit li instbau nieqsa mill-istore taghhom.

Qal li l-*mosaico lavagna nera* murija fir-ritratt u xi tiles 30 x 30 kienu delivered by order. Jigifieri kellu ordni biex johroghom mill-istore, izda fir-rigward tal-kumplament ma kellux ordni biex johroghom. Qal li qabel ma instabu l-affarjiet ghand l-appellant kien jghid lil siehbu Vincent Bonello ma kienx qed isib kollox li jigi mitlub fl-ordni u dan qabel ma nstabu l-affarijiet ghand l-appellant.

Mistoqsi x'kien jghamel meta kien jinnota li kien hemm xi affarjiet neqsin jekk kienx jirraporta lid-Direttur, kien irraporta li ma setghax isib wiehed mill-affaijiet li instabu ghand l-appellant u kien irraprota lil John Aquiina bil-fomm u ghalhekk kienu tefghu aktar attenzjoni biex jaraw kienux qed jinsterqu xi affarijiet, qal li l-*istock taking* kien isir darba fis-sena.

**Vincent Bonello** stqar nhar il-21 ta' Mejju 2012 li fis-sena 2008 kien jahdem ma Josie's bathroom u mieghu ghamel zmien jahdem l-appellant. Jghid li ghamel zmien store keeper. Jghid li meta kienu ghamlu l-istock taking kienu sabu xi affarijiet neqsin u wara xi zmien kienet irraportat il-kunjata tal-appellant li kienet sabet xi affarijiet ghandha li kienu sabu neqsin mill-istock taghhom. Muri id-dokumenti esebiti a fol 14 sa 25 jghid li d-dokument a fol 15 jindika l-items li huma sabu neqsin mill-istore. Muri sett ta' ritratti markati bhala dok DA1 sa DA 10 u jghid li dawn huma ritratti tal-oggetti proprjeta' tal-kumpanija**.** Ikkonferma li l-istock taking isir darba fis-sena**.** Mistoqsi x'kienu jghamlu meta issbu affarjieti neqsin jghid li ma tantx isibu affarijiet neqsin. B'referenza ghall-oggetti li instabu il-Kalkara ighid li huma ma

kienux sabu l-affarijiet neqsin qabel ma gie rapportat il-kaz u qatt ma wehlu fl-appellant. Kien meta gew mgharrfa li instabu l-affarijiet u marru jivverifikaw li indunaw li kienu neqsin minghandhom u ghamlu ricerka biex jaraw x'kien gara. Kienet il-kunjata tal-appellant li irraportatu. Jaf li kien hemm xi sena li meta ghamlu stock taking sabu li kien hemm l-affarijiet neqsin u dan kien xi tlett snin jew erbgha qabel ma xehed u allura fis-snin 2008 jew 2009.

Fost l-affarijiet murija fil-lista a fol. 15 jghid li kien hemm xi madum li suppost mar ghand xi klijent tas-Sliema u dan kien irraporta li ma wasalx ghandu. Dan sar jafu ghaliex l-ghada tad-delivery it-tiler mar biex iwahhal il-madum u ma sabux hemm. Huwa spicca mix-xoghol ma Josie's f'Marzu 2012 .

**PC 972 Carmel Fiteni** xehed nhar l-24 ta' Settembru 2012 spjega illi fit-12 ta' Frar, 2008 is-sinjura Attard Gialanze marret biex tiftah il-proprjeta' taghha 16, Triq San Rokku, Kalkara u sabet is-serratura mizduda. Qaltlu li kienet ittawlet mit-toqba jew ahjar mill-flap tal-letterbox u sabet xi affarijiet tal-kmamar tal-banju. Hi ssuspettat li tefaghhom l-gharus tat-tifla taghha l-appellant, ghaliex kien jahdem ma Josie's bathrooms. Is-sugent informa lid-Direttur ta' Josie's Bathroom u dan gie fuq l-post u kkonferma li l-affarijiet kienu tieghu ghax fost l-affarijiet li kien hemm instabu angle valves li jgibuhom il-kumpanija taghhom biss. L-merkanzija giet mghobbija u mehuda l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla.

**PS 465 Daniel Abela** xehed nhar l-24 ta' Settembru 2012 u muri id-dokument FS2 sa FS 12 u jghid li dawn huma ir-ritratti li kien gibed nhar it-12 ta' Frar 2008 gewwa il-Kalkara. Mistoqsi min kien prezenti waqt li gibed dawn ir-ritratti jghid li kien hemm n-nies pero' ma jiftakarx min kienu.

**Antonia Attard Gialanze** xehdet nhar l-24 ta' Settembru 2012 u spjegat li kienet marret fil-psot taghha tal-villeggjatura u cioe' Pink House, 16, Triq San Rokku, Kalkara u meta marret biex tiftah ma setghetx tiftah u ghalhekk hasbet li kellha tmur ma xi mastrudaxxa u telqet 'l hemm. Wara xi hmistax regghet marret u harset mill-letter box u rat li kien hemm xi haga tal-kartun kbira quddiem il-letter box. Ma setghet tara gewwa bhas soltu u regghet telqet. Reghet marret ghat tielet darba u rat

hafna affarijeit tal-kmamar tal-banju u dan rathom mill-letterbox fosthom sink, affarijiet ta' madum u innotat li ma kienux taghha u hasbet li setgha kellu ic-cavetta l-gharus tat-tifla, l-appellant u ghalhekk ha l-affarijiet hemmhekk. Tghid li dak iz-zmien bintha ma kienitx qed tghix id-dar u kient qed issib anke affarijiet tad-deheb nieqsa mid-dar taghha. Kienet kecciet lilha u lill-appellant barra minn darha u bintha ghamlet xi erbgha snin ma tghix maghha. Ikkonfermat li l-affarijiet in segwitu gew migbura mill-pulizija.

**Vincent Ciiberti** xehed nhar il-5 ta' Novembru 2012 u spjega illi huwa kien inghata digriet nhar is-26 ta' Marzu 2012 fejn kellu jacceddi gewwa l–ghassa tal-pulizija ta' Bormla u jindika l-valur tal-bathroom accessories u oggetti li ghandhom x'jaqsmu mal-kmamar tal-banju u dakinhar ipprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala dok MVC1. Qal li dawn l-oggetti kienu jinzammu taht it-tarag imsakrin u c-cavetta kient f'idejn l-ufficcjal tal-pulizija. Qal li l-prezzijiet indikati huma indikattivi u gabhom billi ghamel shopping around u qal li huwa difficli sbaeix tasal ghall-prezz rejali taghhom. L-valur ta' dawn l-oggetti fil-fehma tieghu kien ta' €2,344.

**Dr Arthur Azzopardi** xehed u spjega illi ilu jaf lill-appellant ghaliex kien il-klijent tieghu ghal zmien twil meta kien jahdem fl-ufficcju ta' Dr Jason Azzopardi. Jghid li l-appellant kien jistqarr meighu li kellu relazzjoni hazina hafna ma Antonia Attard Gialanze u dan ghaelix ma riedet tkun taf b'xejn bih u ghalhekk ir-relazzjoni li kellu mal-partner tieghu Mariella bint Antonia kienet qed tigi affettwata. Fil-fatt kienu tawh parir biex ma javvicinax lil Antonia u lil proprjeta' taghha. Huwa esebixxa ittra li kien baghat lilha fit-13 ta' Jannar, 2008 li giet markata bhala dok AA1 fejn kienet giet imwisija biex ma tkomplix ixerred dikjarazzjonijiet inveritjeri u foloz dwaru. Din hija *the client copy* li kellu f'idejh l-appellant. Jghid li s-sinjura Attard Gialanze kienet anke marret l-ufficcju taghhom biex tkellimhom dwar il-kontenut ta' l-ittra u infurmathom li kienet tkelmet ma Dr John Vassallo dwarha.

**Joseph Saliba** rappresentant ta' Job Plus xehed nhar il-21 ta' Lulju 2014 u esebixxa l-employment hitory tal-appellant li giet markata bhala do JS 1. Minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-apellant kellu diversi impiegi pero' b'referenza ghal mertu ta' din il-kawza huwa kien impjegat ma Josie's Bathroom mis-17 ta' Ottubru 2006 sal-31 ta'

Awwissu, 2007 u ghalhekk kien ittermina l-impieg tieghu ma Josie's Bathroom sitt xhur qabel ma instabu l-affarijiet fir-residenza ta' Antonia Attard Gialanze.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-4 ta' Novembru 2013 fejn hemm indikat li d-difiza kienet qed tirriskontra certu diffikoltajiet fil-persuna ta' l-imputat illi x'aktarx juri '*learning difficulties*' u problemi mentali ohra li jaffettwaw lill-istess imputat meta ikun qieghed f'sitwazzjonijiet ta' stress rizultat ta' sitwazzjonijiet mhux normali ghalhekk f'dan il-kaz ssir referenza ghal lock-up tal-ghassa fil-mument li hu kien jirrilaxxja l-istqarrija, u talbet sabiex jinhatar esepert da parti tal-Qorti sabeix jkun jista'' janalizzza u jesamina lill-istess imputat sabiex jigi stabilit jekk il-kontenut tal-istqarrija hux genwin jew inkella kienx kondizzjonat mill-istat mentali tieghu fil-mument li rrilaxja dik l-istess stqarrija. Dwar din it-talba il-prosekuzzjoni irrimetiet ruhha u l-Qorti nnominat lil Dr Mark Xuereb sabeix ikun jissta jiehu konjizzjoni ta' dak li gie verbalizzat u jespleta l-inkarigu tieghu .

Dr Mark Xeureb xehed u kkonferma li kien ezamina lill-appellant diversi drabi kemm il-clinic tieghu privata tas-Sliema kif ukoll ta' Xbiex. Huwa pprezenta ir-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok MX1. It-tabib ikkonkluda li meta l-appellant ikun 'out of his comfort zome' ighid iva ghal kull ma jigi mistoqsi sabiex ifittex jehles. Ikkonkluda li l-appellant ghandu zewg kundizzjonijiet '*selective learning disability'* u meta jigi kkonfrontat ma certu stresses certu problemi ' *he gets what we call a fight to flight* 'jigifieri l-adrenalina tieghu toghla. Huwa ghandu *sub normality* u c *checks and balances* li ghandna fis-socjeta' '*to do right and wrong'* ikunu sekondarju minhabba din il primative fear. Anke fir-rigward ta' right from wrong ighid li l-appellant irid isalva '*because the world outside is a very bad threatening place.*' Huwa kkonkluda is-egwenti:-

1. *" Mr Valletta is of subnormal intelligence and lacks adequate survival skills to cope with daily stressors.*
2. *The repetitive pattern of conflict avoidance described above is inherent and lifelong and is not due to deception. It is the way he lernt to survve given his psychological problems – in a world he pereives as vicious, stressful and hostile.*
3. *His schizoid traits do not allow him to cope to beunderstood by the world. E too cannot understand why conflict is necessary to grow and learn. He threfore lives in*

*teh shadows of life and in a world of his own. He aslo fails to nurture deep fulfilling relationships .*

4. *He laks depth in judgment and wisdom and is a vulnerable and permanently exploitable person who deserves protection by the state and law.*
5. *Ongoing monitoring of theindividual and treatment is therefrore recommended by trained professional including probation officers and a psychiatrist."*

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazjoni tal-partijiet inserita fl-atti a fol. 173 et seq tal-process.

Semghet lill-partijiet jittattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-7 ta' Frar ,2019. Rat dak li gie verbalizzat f'din l-istess sseduta u cioe' li d-difiza kienet qed izzomm ferm l-ewwel u t-tieni aggravju taghha u kienet qed tirtira it-tielet aggravju fir-rigward tal-preskrizzjoni. Fir- rigward tar-raba' aggravju l-Avukat Generali qabel li ghandha tigi skartata l-istqarrija rrilaxxjata mill-appellant stante li din giet rilaxxjata qabel ma giet introdotta id- Direttiva tal- EU 2013/48 u din il-Qorti izzid tghid li qeda tiskarta dak kollu li l-appellant setgha qal ukoll verbalment lil kul ufficcjal tal-pulizija fil waqt ta' l-investigazzjoni ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi jinghad li minkejja li l-pulizija akkuzat lill-appellant bi tlett reati u cioe' serq aggravat, ricettazzjoni u misapproprijazzjoni huwa instab hati biss tal-akkuza ta' serq aggravat il-valur u bil-persuna u ghalhekk din il-Qorti sejra titratta biss l-kwistjoni jekk l-ewwel Qorti kellhiex issibu hati ta' din l-istess akkuza abbazi tal-provi prodotti. L-appellant fil-fatt qed jitlob revoka ta' din il-parti tas-sentenza li tirrgwarda il-htija tieghu.

Ikkunsidrat ulterjoment,

Kif gie ritenut diversi drabi, hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-

konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzjax fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx raggjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Izda, l-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni. (**Il-Pulizija vs. Carmelo Schembri**[12]).

Ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel apprezzament approfondit tal-istess sentenza biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.

Illil-appellant jibbaza l-appell tieghu bili ighid li fl-ewwel lok l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova meta effettiament sehhet is-serqa tal-merkanzija li instabet fid-dar ta' villeggjatura ta' Antonia Attard Gialanze. Tghid ukoll il l-valur tal oggetti ma giex kalkolat kif imiss il-ligi u dan ghaeix l-espet nomiant mill-Qorti Vinent Ciliberti aggungja il 15% Vat pagabbli fuq l-istess merkanzija meta in realta dan ma hux il-valur rejali u ghalhekk tagheml differenza jekk semmai l-appellant jintabx hati sond l-atikolu 279(a) jew 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta. In oltre id-difiza izzid li d-dolo subit f'dan il-kaz minn Josie's bathroom irid jitqies fiz-zmien tad-delitt u mhux fi zmien iehor.

Ventilat dan, isegwi li jkunu ezaminati l-atti processwali bil-ghan illi jkun determinat jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti setghetx waslet ghaliha legalment u ragjonevolment, anke ghaliex s-sentenza tal-ewwel Qorti ma tidholx fit-tul fl-appezzament tal-provi prodotti.

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma is-segwenti:-

1. Illi nhar it-12 ta' Frar, 2008 Antonia Attard Gialanze marret taghmel rapport l-ghassa li hija ma setghetx tidhol gewwa id-dar taghha ta' villeggjatura u cioe The Pink House, 16 Triq San Rokku, Kalkara.

---

[12]Deciz mill-Qorti tal- Appelli Kriminali nhar it-28 ta' April 1995

2. L-istess Attard Gialanze tghid li hija ittawlet minn gol-letter box taghha u rat li kien hemm xi merkanzija fl-intrata ta' din l-istess dar li ma kienitx taghha.
3. Ili ma tghidx met akien l-ahhar li hija marret f'din id-dar qabel ma sabet din il-merkanzija u ghalhekk ma giex stabilit il-perijodu ta' meta din il-merkanzija tpoggiet f'dan il-fond u kemm kient ilha hemm.
4. Tghid ukoll li kellha suspett fl-gharus tat-tifla taghha u cioe l-appellant peress li kien hemm zmien meta kien jahdem ma Josie bathroom.
5. Illi gie stabilit li in effetti verament l-appellant ghamel zmien jahdem ma Josie's Bathroom u cioe mis-17 ta' Ottubru, 2006 sas-17 ta' Ottubru, 2007.
6. Illi ghalhekk l-appellant kien waqaf minn dan l-impieg sitt xhur qabel ma gie rapportat il-kaz in desamina.
7. Jirrizulta li l-appellant kien jahdem bhala delivery man u ghalhekk xoghlu kien jikkonsisti billi jikkonsenja l-ordni li jippreparalu l-istore keeper Patrick Spiteri jew Vincent Bonello.
8. Illi l-appellant ma kellux access ghall-istore izda l-access kien limtiat ghall-istore keepers biss
9. Li l-appellant ma kienx l-uniku delivery man izda mieghu kien hemm tlieta ohra kif stqarr John Aquilina.
10. Illi jirrizulta skond John Aquilina li kienu isiru stock taking regolari kkul xaghar jew xaghrejn meta ikun hemm bzonn jew jigi mitlub mill-accountants.
11. Ili ma jirrizultax li kien hemm xi serqa rapportata minn Josie Bathroom tul dan il-perijodu antecedenti ghar- rapport in desamina.
12. Illi jirrizulta biss li kien hemm xi shortage f'xi delivery partikolari li saret tas-Sliema pero' provi dwar dan ix-shortage ma ingabitx la ghand minn kellha issir id-deilvery, la meta kellha issir, la min ghamilha, la x'irrizulta li kien hemm nieqes xejn minn dan u ghalhekk zgur li din il-Qorti ma tista torbot xejn ma din it-tip ta' prova.
13. Illi lanqas jidher li kien hemm xi stock taking li sar antecedentement ghal dan ir rapport li kien jindika li kien hemm xi oggetti li instabu nieqsa u ghalhekk jikkonferma li l-oggetti li instabu ghand Antonia Attard Gialanze instabu hemm illegalment .

14. Jirrizulta biss minn dak li qalet Antonia sid il-post fejn instabu l-oggetti in kwisjtoni li kellha suspett fl-appellant pero' ma tghid xejn aktar u ma tressaq l-ebda prova sabiex tipprova tissostanzja is-suspett taghha.
15. Illi provi xjentifici ma kienx hemm per esempju xi sejba ta' impronta biex torbot lill-appellant mal-merkanzija.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dan l-istadju ghandha taghmel apprezzament ta' dritt u cioe taghti tifsira tal-kuncett ta' serq, u cioe tar-reat kontra l-propjeta ta' terzi per eccellanza jew ahjar kif jghid il-Manzini -

"*l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza ghal dan ir-reat) e' l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilita del patrimonio.*"

Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista' prima facie tidher facli u ta' intelligenza volgari, mandankollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fil-Programma Speciale vol IV para 2017- vide fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanti**[13].

Il-**Carrara** jghid:

"*il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro.*"

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:

1. il-contractatio tal-haga,
2. li tappartjeni lil terzi,
3. maghmula b'mod frawdolenti,
4. minghajr l-kunsens tad-sid, u

[13] Deciz mill-Qorti tal- Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 (Vol XXXII(e) IV/814

5. animo lucrandi.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contrectatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti *sine qua non* biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss t-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist- **animo di farne lucro**. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia.*

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jghid **Manzini** *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente*. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza **Il-Pulizija v S.Pisani** [14]-, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-*buona fede* ta' l-awtur tal-c*ontractatio* teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.

**Carrara** jghid :

"*avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso.*"

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar d-dsatax ta' Frar, 1942

Fissati dawn l-kriterji jista' wiehed jghaddi b'certu grad ta' sikurezza biex jesamina l-kaz ta' l- imputat fid-dawl tas-suespost.

Mill-prov akkwiziti jirrizulta biss is-segwenti fir-rigward tal-appellant:-

1. Li l-appellant allegatament kellu relazzjoni ma bint Antonia Attard Gialanze sic et simplicite.
2. Li l-appellant ghamel zmien jahdem ma Josie's bathroom ghall-peridju ta' ghaxar xhur qabel ma sehh il-kaz in desamina

Illi ma hemm xejn li jorbot lill-appellant la mat-tehid tal-aoggetti u dan ghaleix ma giex provat kif in effetti l-appellant ha dawn l-oggetti minn post ej nma kellux access u lanqas li kienhu li pogga dawn l-oggetti fi proprjeta' ta' terzi.

Ma jirrizulax mill-atti li l-appellant kellu access ta' dan il-fond u dan ghaleix fl-ebda hin ma Antonia Attard Gialanze tghidilna li l-appellant kellu c-cwievet tal-fond. Illi l-unika referenza li hemm ghall-appellant odjern hu dak li stqaret Attard Gialanze li kellha suspett fl-appellant pero' ma jirrizult aminn imkien fuq xhiex ibbaat dan is-suspett. Jidher anzi addirittura li ma kellhiex pjacir bir-relazzjoni li l-appelant kellu ma bintha ghaleix kif qalet hi stess kecciet il barra lil bintha minn darha fiz-zmein meta kellha ir relazzjoni ma l-appellant bl-ispseranza ma tibqax fir relazzjoni mieghu. Mhux talli hekk izda anke li l-avukt difensur tal-appellant kien anke spicca baghat ittra legali lilha qabel il-kaz in desamina fejn ordnalha tiddeisti mili tiffabrika allegazzjonijeit foloz u inveritiera fil-kofnront tieghu.

Din il-Qorti tirrileva li anqas ma tista' tigi invokata t-teorija tal-pussess recenti tal-oggett misruq' Fid-decizjoni fl-ismijiet '**Il-Pulizija versus Emanuel Seisun u Pius sive Pio Micallef'**[15] intqal dan li gej:

*'It-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhix xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghall-cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ippruvati fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti dawn jistghu wahedhom iwasslu ragonevolment ghall-*

[15] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhra is-26 t'Awwissu 1998. (Volum LXXXII 1998 Part IV).

*konkluzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skont ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricetazzjoni ta' dawk l-oggetti.'*

Dan qed jinghad ' ghaliex f'dinil-kawza il-prosekuzzjoni ma ipprovat l-ebda nexus jew fatt li jsita jorbot lill-appellant mar-reat. Ma giex provat li l-oggetti gew mehuda minnu, jew li kienu fil-pusess tieghu ghal xi zmien. Il-fond fejn instabu ma jappartjenix lilu u ma giex provat li huwa kellu access ghal dan il-fond. Ghalhekk fil-fehma ta' diil-Qorti dan ir-reat ma jirrizultax provat fil-konfront tal-appellant

Illi ghalhekk in vista tal-provi prodotti din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tidhol fl-aggravji sollevati mill-appellant fir-rigwad tal-aggravju tal-valur u tal persuna stante li l-akkuza ta' serq mhux provata.

Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-gudizzju milhuq mill-ewwel Qorti ma kienx safe u satisactory u konsegwentment din il-Qorti filwaqt li tikkonferma dik il-parti ta' l-ewwel sentenza fejn ma sabitux hati tar-reat ta' ricettazzjoni u ta' misappropprijazzjoni tirrevokaha fir-rigwad ta' dik il-parti fejn sabitu hati tar-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-persuna billi tilliberah minnha u minn kull imputazzjoni u piena.

(Ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur